# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DR TONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., Mag. Juris (EU Law).**

Illum 12 ta' Novembru, 2001.
Il-Pulizija,
(Spettur Helga Debono)
vs
Neville Chetcuti u
Felix Dimech.

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi kontra:

Neville Chetcuti ta' 39 sena, bin Victor u Marlene nee Stivala. mwieled San Giljan fil-25 ta' Frar 1962, residenti 'Ir-Rota', Sliema Road, Kappara u detentura tal-karta ta' l-identita` numru 158662(M); u,

Felix Dimech ta' 43 sena, bin Peter paul u Carmen nee Sant, imwieled ir-Rabat fl-20 ta' Ottubru 1957, residenti 58. Cross Street, Naxxar u detentur tal-karta ta' l-identita` numru 692457(M).

Akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer:

Fis-16 ta' April 2001 u fiz-zminijiet ta' qabel, gewwa l-fond Video Palace, Msida Road, Gzira;

1. xjentement qieghedtu fic-cirkolazzjoni, beighhejtu jew zammejtu ghal bejgh, jew importajtu ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema mxebbhin b’qerq u cieo` diversi videos u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 298(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampajtu, immanifatturajtu, idduplikajtu jew b’mod iehor ipproducejtu jew ikkupjajtu jew bieghhejtu, qassamtu jew mod iehor offrejtu ghal bejgh jew biex tqassmu xi artikolu jew xi haga ohra u cioe` diversi videos, bi ksur ta’ jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkolla persuna ohra u cioe` t-Tentieth Century Fox Corporation u socjetajiet ohra li taghhom is-socjeta` Patrick Galea LL.D. hija rapprezentanti, protetti jew taht il-ligi ta’ Malta u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 298 b (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta mill-imputati;

Rat il-verbal tal-lum stess fejn l-imputati ammettew l-akkuzi;

Ikkunsidrat:

L-akkuzati, kif jirrizulta mill-att tac-citazzjoni, huma bazati taht l-Artikolu 298(1)(f) u 298(b)(1) tal-Kodici Kriminali cioe` ta’ “qerq fil-kummerc u industriji” u “ksur ta’ drittijiet ta’ l-awtur”. L-imputati qeghdin volontarjament u inkondizzjonalment jammettu l-akkuzi b’dan pero` illi hemm qbil da parti tal-proseluzzjoni li ma kienx hemm manifattura da parti

ta' l-imputati izda kien hemm il-bejgh ta' videos u CDs 'inlays' li kienu qed jigu ikkupjati.

Illi in vista ta' l-ammissjoni volontarja ta' l-imputati u konsiderata c-cirkustanzi msemmija, kif ukoll l-fedina penali netta taghhom, il-Qorti tiddeciedi li tillibera lill-imputati taht l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor ghal perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum, wara li rat l-Artikoli fuq imsemmija tal-Kapitolu 9.

A. M. Trigona,

Magistrat

Niddikjara li ttraskrivejt bis-sewwa u fedelment, u skond l-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-'tape'.

Albert P. Calleja,
Deputat Registratur.